# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Referenza Kostituzzjonali Nru.: 7/16 MH**

**Illum 14 ta' Lulju, 2017**

**Fl-Atti tar-Riferenza tal-25 ta' Mejju 2016, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-Atti tal-kaz fl-ismijiet:**

**Raymond Spagnol [K.I. 350773M]**

**vs**

**Board of Management tat-Teatru Manwel u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2016 gie kjamat fil-proceduri l-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Mejju 2016** (aktar 'il quddiem imsejha "l-Qorti Riferenti") li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-appellant Raymond Spagnol b'rikors imressaq fit-22 ta' Marzu 2016, talbet li din il-Qorti tiddeciedi dwar ***"jekk il-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta) jiksirx id-dritt ghal smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali u ndipendenti kif garantiti fl-Artikolu 6(1)***

***tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqies:-***

***i. Il-mod kif jinħatar chairperson tat-Tribunal;***
***ii. Security of tenure ta' chairperson tat-Tribunal;"***

Rat **id-digriet taghha tal-10 ta' Gunju 2016**[1] permezz ta' liema ordnat il-kjamata tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri;

Rat **ir-Risposta tal-Board of Management tat-Teatru Manwel tal-24 ta' Gunju 2016**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi permezz ta' rikors li ġie ippreżentat minn Raymond Spagnol fit-22 ta' Marzu, 2016 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) huwa talab sabiex 'a tenur ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tirrimandi l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi determinat jekk illi proċeduri tat-tribunal industrijali fl-ismijiet premessi jmorrux kontra l-provvedimenti ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta';*

*Illi din it-talba li saret minn Raymond Spagnol tidher li kienet ibbażata fuq il-fatt illi fis-sentenza tal-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tat-18 ta' Ġunju, 2015 fl-ismijiet General Workers' Union vs L-Avukat Ġenerali ġie deċiż:*

*'...illi l-kostituzzjoni u kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jiswiex għaliex jikser id-dritt għal smiegħ xieraq, senjatament stante li ma jħarisx dak li jgħidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.'*

[1] Fol 5
[2] Fol 6 et seq

*Illi din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar, 2016;*

*Illi skond Raymond Spagnol in vista tal-fatt li l-esponenti hija Bord nominat mill-Gvern ta' Malta ("il-Gvern") u li l-ġudikant tat-Tribunal Industrijali huwa magħżul mill-Gvern ukoll dan jista' jagħti lok li din il-kwistjoni tiġi riferita lil din l-Onorabbli Qorti u għalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) a bażi ta' dan ir-raġunament laqgħet it-talba ta' Raymond Spagnol biex issir din ir-referenza kostituzzjonali u għaddiet l-atti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*'Jiġi deċiż jekk il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiiet ta' Malta) jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn Tribunal imparzjali u ndipendenti kif garantiti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqies:-*

*i. Il-mod kif jinħatar chairperson tat-Tribunal;*

*ii. Security of tenure ta' chairperson tat-Tribunal;'*

*Illi kif jipprovdi l-artikolu 73(2) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali l-panel ta' tali tribunal hu maħtur mill-Prim Ministru u dan wara li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, liema persuni huma maħtura għal perjodu ta' mhux aktar minn tlett snin u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura għal tali perjodi ta' mhux aktar minn tlett snin;*

*Illi s-sempliċi fatt li tali chairperson ikun maħtur mill-Prim Ministru ma jimplika b' ebda mod li tali chairperson mhuwiex independenti u dan kif ġie ikkonfermat mill-Qorti Ewropea fil-kawżi Sacilor-Lormines v. Franza u fi Flux v. Moldova (no. 2);*

*Illi għal dak li jirrigwarda s-security of tenure, il-provvedimenti ta' l-artikolu 73(6) jipproteġi u jassigura li il-kawżi li jkunu nbdew quddiem chairperson*

*partikolari ma jiġux affetwatti stante tali chairperson anke jekk jitneħħa huwa mistenni li jkompli u jiffinalizza l-kawżi tiegħu stante li tali artikolu jipprovdi li minkejja chairperson jitneħħa, hu/hi jibqa' jservi fil-proċedimenti li fihom ikun qed isservi bħala chairperson u dan sakemm il-proċedimenti relevanti jintemmu, ċioe' ma' kull sentenza mogħtija;*

*Illi fil-fatt minn analiżi tad-deċiżjonijiet li ġew mogħtija mit-Tribunal Industrijali hekk kif imwaqqaf illum, wieħed issib li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn dan l-istess Tribunal iddeċieda kontra entitajiet governattivi jew entitajiet li għandhom konnessjoni mal-Gvern Malti;*

*Illi għalhekk huwa evidenti li wieħed ma jistax jaqbad u jikkonkludi li tali Tribunal ma jigarantixxix id-dritt tas-smiegħ xieraq sempliciment għaliex kien hemm deċiżjoni fejn ġie iddikjarat li tali Tribunal immur kontra id-drittijiet tas-smiegħ xieraq;*

*Illi kif dejjem għamlet il-Qorti Ewropea u l-Qrati tagħna wieħed dejjem għandu jieħu in kunsiderazzjonijiet iċ-ċirkostanzi ta' kull każ separat fejn tittieħed in kunsiderazzjoni il-proċedura relevanti u kif ukoll l-aġir tal-partijiet kollha;*

*Illi l-esponenti jissottometti illi l-fatti ta' dan il-każ kif jirriżultaw mill-proċess jitkellmu waħedhom u juru li ebda dritt ta' smiegħ xieraq ma ġie miksur lil Raymond Spagnol u se mai jekk kien qiegħed iħoss li kienu qegħdin jiġu ippreġudikati kien messu talab ir-rikuża taċ-chairperson jew jagħmel ir-referenza kostituzzjonali qabel ma ingħatat is-sentenza mit-Tribunal;*

*Illi infatti l-każ de quo kien għadu fi stadju ta' smiegħ tal-provi meta ingħatat l-ewwel deċiżjoni minn din l-Onorabbli Qorti fil-każ tal-General Workers' Union vs Avukat Generali u għalhekk seta' faċilment intavola tali referenza, iżda huwa evidenti li la darba ma saritx tali referenza f' tali stadju Raymond Spagnol kien kuntent bil-proċess u ma ħassx li d-drittijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kienu qegħdin ippreġudikati;*

*Illi huwa evidenti li tali referenza da parte ta' Raymond Spagnol saret għax tilef u qiegħed jipprova isalva milli jista' l-każ tiegħu nonstante li tilef tali kawża bi ħtija tiegħu għaliex oltre l-fatt li naqas milli jġib provi konvinċenti li jikkonfermaw il-verżjoni tal-fatti allegata minnu, kien hu stess li iffirma il-formoli relattivi tal-ETC li juru li mill-1 ta' Lulju, 2014 ma kienx baqa jaħdem ma' l-esponenti u minflok beda jaħdem bħala self-employed, liema fatt ikun kif ikun iffurmat it-tribunal qatt ma hu ser jinbidel u r-riżultat ser ikun dejjem l-istess;*

*Illi fil-fatt tajjeb li wieħed jinotta li tali talba għar-referenza saret minn Raymond Spagnol wara li intavola l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fejn f' din id-deċiżjoni ġie iddikjarat li l-azzjoni tiegħu kontra l-esponenti kienet preskritta stante li ġiet intavolata erba' xhur wara t-tkeċċija tiegħu minn ma' l-esponenti;*

*Illi sa dan l-istadju tal-appell ukoll Raymond Spagnol ma ħassx li d-drittijiet tiegħu tas-smiegħ xieraq kienu ippreġudikatti;*

*Illi iżda kif jirriżulta minn analiżi ħafifa ta' l-appell interpost minn Raymond Spagnol dan ma jissodisfax wieħed mill-elementi neċessarji hekk ikontempalti fl-atikolu 82(3) ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali stante li m'huwiex ibbażat fuq punt ta' liġi u għalhekk tali appell huwa null u bla effett u hija għal din ir-raġuni tant ovvja li Raymond Spagnol talab tali referenza stante li kull darba li intavola l-proċeduri relevanti naqas milli jimxi mal-proċedura hekk kif ikontemplata fil-liġi u dan bi ħtija u traskuraġni tiegħu stess;*

*Illi ċertament li kieku rebaħ tali kawża ma kienx jintavola tali referenza;*

*Għaldaqstant, premess is-suespost u filwaqt li jagħmel referenza ghall-provi kollha prodotti u produċibbli f'dan l-istadju, l-esponenti jissottometti umilment li fil-każ de quo ma kienx hemm ksur fid-dritt għal smiegħ xieraq mit-Tribunal Industrijali kif garantit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u*

*Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront ta' Raymond Spagnol."*

Rat **ir-Risposta tal-kjamat Avukat Generali tad-9 ta' Novembru 2016**[3] li tghid hekk -

*"Illi tajjeb li l-ewwel u qabel kollox jiġi rilevat li l-esponent ġie notifikat bl-Atti ta' din ir-Referenza Kostituzzjonali l-bieraħ, 8 ta' Novembru 2016 fis-2.15 ta' wara nofsinhar. Minkejja kollox, fiż-żmien akkorċat li kellu a dispożizzjoni tiegħu, qiegħed xorta waħda jippreżenta din ir-risposta:*

*1. L-Avukat Ġenerali mhux edott mill-fatti ta' dan il-każ iżda mill-atti jirriżulta li permezz ta' rikors ppreżentat nhar it-22 ta' Marzu 2016, quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha, Raymond Spagnol issolleva materja relatata mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għal dak li jirrigwarda l-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Fil-fatt huwa talab lill-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha sabiex:*

*"a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tirrimanda l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi determinat jekk il-proċeduri tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi jmorrux kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319[4] tal-Liġijiet ta' Malta."*

*2. Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha laqgħet it-talba tar-rikorrent għal referenza u bagħtet l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) sabiex:*

---

[3] Fol 14 et seq

[4] Għal kull buon fini, dan l-artikolu ġie kkwotat ħażin. L-artikolu 6 tal-Kap. 319 jitratta l-Esegwibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk m'għandu assolutament xejn x'jaqsam mal-ilment tar-rikorrent.

*Jiġi deċiż jekk il-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn Tribunal imparzjali u ndipendenti kif garantiti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-bniedem u l-Artikolu 30(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta tqis:*

*i. Il-mod kif jinħatar chairperson tat-Tribunal;*

*ii. Security of tenure ta' chairperson tat-Tribunal.*

*3. Illi l-esponent jirrileva li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*a. Illi mhux aċċettabbli li minħabba li r-rikorrenti tilef il-każ li kellu quddiem it-Tribunal Industrijali, jiġi issa jappella mill-każ u mbagħad jitlob referenza kostituzzjonali sabiex jara ma' xiex jipprova jiggranfa biex forsi jsalva l-każ tiegħu;*

*b. Jekk waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal ir-rikorrent ħass li qed jinkisrulu d-drittijiet fundamentali għal smigħ xieraq, seta' mingħajr problema ta' xejn qajjem dawn il-kwistjonijiet quddiem l-istess Tribunal. Il-fatt li ħalla dan iż-żmien kollu jgħaddi, jindika fid-deher li kieku l-każ ġie mirbuħ minnu quddiem it-Tribunal, żgur li ma kienx ser jasal sa dawn il-proċeduri. Dan juri biċ-ċar li r-rikorrent qed jutilizza dawn il-proċeduri għall-iskopijiet ulterjuri tiegħu u dan, fl-umli opinjoni tal-esponent, ma jista' qatt jiġi aċċettat minn din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha;*

*c. Illi kif irritjeniet il-Qorti Ewropeja diversi drabi, il-kwistjoni ta' smigħ xieraq trid tiġi evalwata <u>fid-dawl tal-assjem kollu tal-proċeduri</u> li kienu disponibbli għall-konsiderazzjoni tal-kwistjoni ta' xogħol;*

*d.* *Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti kellu kull opportunità sabiex iressaq ix-xiehda tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. F'dan ir-rigward ġie mgħallem fil-ġurisprudenza li: "Għall-finijiet proċedurali hemm diversità kbira bejn il-każ fejn ma jistemgħux il-provi tal-konvenut minħabba ċaħda tad-debita opportunità bħal meta jiġi inġustament rifjutat is-smigħ ta' provi leġittimi offerti minnu, jew meta l-proċeduri inizjati kontra tiegħu jiġu prosegwiti mingħajr ma jkun ġie notifikat bihom, u ad insaputa tiegħu, u bejn il-każ, fejn minħabba nuqqas tiegħu stess, jibqa' ma jġibx 'il quddiem il-provi tiegħu meta tkun ġiet mogħtija lilu kull opportunità li jġibhom. F'dan l-aħħar każ imputet sibi." (Charles Borg v. John Curmi, deċiż mill-Imħallef Philip Sciberras, 20 ta' Jannar 2003);*

*e.* *Magħdud ma' dan, naraw kif* ***fejn il-partijiet jonqsu milli jagħmlu użu minn din l-opportunità****, fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali, "****ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smigħ xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni iżda setgħu biss ilumu lihom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità tagħhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess****." (Enfasi miżjud - Joseph Grech vs L-Avukat Ġenerali, deċiża fl-20 ta' Diċembru 2000);*

*f.* *Iktar minn hekk, naraw ukoll kif mid-deċiżjoni tat-Tribunal ir-rikorrenti ntavola appell u kwindi seta' għal darb'oħra jsemma' leħnu quddiem Qorti oħra u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq. Fl-istadju ta' appell, kien proprju r-rikorrent li waqqaf il-proċeduri ta' smigħ sabiex jagħti lok għal din ir-referenza;*

*g.* *Illi l-esponent jirrileva li sabiex l-azzjoni odjerna tirnexxi huwa imperattiv li r-rikorrent jipprova l-istatus ta' vittma li mill-kontenut tar-rikors tiegħu qed jisħaq li għandu u juri fid-deher b'liema mod ġie preġudikat u b'liema mod ġew miksura b'mod lampanti d-drittijiet fundamentali tiegħu;*

*h. Illi bid-dovut rispett, ma jistax jingħad li l-fatt uniku li t-Tribunal Industrijali presedut mis-Sur Charles Cassar iddeċieda kontra r-rikorrent jista' b'xi mod iwassal għall-konklużjoni awtomatika li r-rikorrent għandu l-istatus ta' vittma u li d-drittijiet fundamentali tiegħu li jirrigwardaw smigħ xieraq qed jiġu mittiefsa;*

*i. Il-fatt li c-Chairperson inħatar skont kif kienet tipprovdi l-liġi dak iż-żmien, ma jfissirx li c-Chairperson kien se jkollu jew kellu xi indħil estern dwar il-proċeduri jew dwar kif se jiddeċiedi l-kwistjoni quddiemu u li għalhekk mhux indipendenti mill-Eżekuttiv;*

*j. Illi l-indipendenza tac-Chairperson u tal-membri hija wkoll salvagwardjata mill-fatt li ai termini tal-Artikolu 76 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta dawn jistgħu ukoll jiġu rikużati mill-partijiet kif jipprovdi wkoll l-Artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*k. L-esponent jisħaq li m'hemmx dubju li waqt it-terminu tal-ħatra tac-Chairperson/u jew tal-membri, <u>huma jgawdu minn security of tenure għall-każijiet li jkunu assenjati lilhom sakemm l-istess kwistjonijiet ta' xogħol jew tilwimiet industrijali jiġu deċiżi</u> u dan ukoll għar-raġuni sabiex jiġu salvagwardjati l-indipendenza u l-imparzjalità tal-istess uffiċjali;*

*l. Illi t-Tribunal Industrijali, fil-proċeduri li jinstemgħu u jiġu determinati quddiemu, josserva l-provvedimenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili preċiżament sabiex jiġi assigurat li l-imsemmi Tribunal ikun indipendenti u imparzjali u sabiex jiġu applikati u salvagwardjati fost affarijiet oħra, il-prinċipji fundamentali ta' equality of arms u d-dritt ta' smigħ xieraq tal-partijiet kollha konċernati fil-kwistjoni;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, u filwaqt li qed issir riferenza għall-provi ġa miġjuba, u ssir riżerva li jinġiebu l-provi permessi mil-liġi f'dan*

*l-istadju, l-esponent jissottometti umilment li fil-każ preżenti ma kienx hemm ksur fid-dritt għal smigħ xieraq mit-Tribunal Industrijali kif garantit fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Raymond Spagnol.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2016[5] li ma kellhomx provi xi jressqu.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-proceduri thallew ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha inkluz dawk li ntbaghtu mill-Qorti Riferenti.

**Ikkunsidrat:**

Din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti wara li Raymond Spagnol - appellant fil-proceduri fl-ismijiet *Raymond Spagnol vs Board of Management tat-Teatru Manwel*[6] quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – allega li huwa sofra lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti taht l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem peress li l-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali jmorru kontra d-dritt ghal smiegh xieraq minn Tribunal indipendenti u mparzjali. Il-Qorti referenti laqghet it-talba tieghu ghal referenza kostituzzjonali fir-rigward u baghtet l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar dan il-punt partikolari.

[5] Fol 11
[6] App Nru 7/16

Minn naha l-ohra, kemm l-intimat *Board of Management* tat-Teatru Manwel kif ukoll l-Avukat Generali jargumentaw li Spagnol ma sofra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u dan ghaliex fil-fehma taghhom il-hatra tac-*Chairperson* tat-Tribunal u s-*security of tenure* tieghu huma konformi mad-dritt ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali. Ghalhekk huma talbu lil din il-Qorti sabiex twiegeb ghar-riferenza li saritilha billi tghid li ma kien hemm ebda ksur ta' dritt fundamentali fil-konfront ta' Raymond Spagnol.

**Il-Fatti**

i. **Fid-19 ta' Dicembru 2014** Raymond Spagnol intavola proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn ippremetta li huwa gie impjegat mal-*Board of Management* tat-Teatru Manwel bhala *stage-hand* f'Lulju 2013 b'kuntratt definit. Eventwalment dan il-kuntratt gie mgedded f'Dicembru tal-2013 u b'hekk l-impjieg tieghu sar wiehed indefinit. Wara sitt xhur minn dan it-tieni kuntratt huwa gie mwaqqaf minn dan ix-xoghol u beda kuntratt iehor ta' tlett xhur. Sussegwentement l-impjieg tieghu gie tterminat fl-ahhar ta' Settembru 2014. Fil-fehma ta' Spagnol, l-impjieg tieghu kien sar wiehed indefinit skont il-ligi u huwa qatt ma nghata xi tip ta' twissija dwar xogholu anzi dejjem kien biezel. Huwa talab lit-Tribunal isib li t-tkeccija tieghu kienet wahda ngusta u jordna li l-istess rikorrent jiddahhal lura fil-post tax-xoghol;

ii. **Fl-4 ta' Frar 2015** il-*Board of Management* tat-Teatru Manwel ipprezenta r-risposta tieghu ghal din it-tilwima ta' xoghol. In linea preliminari giet sollevata l-eccezzjoni li ghaddew aktar minn erba' xhur mit-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent u ghalhekk it-talba hija preskritta. Fil-mertu tressqet oppozizzjoni ghall-pretensjonijiet tal-istess rikorrent ghax intqal li l-impjiegi tieghu li bdew f'Lulju 2013 u Dicembru 2013 kienu distinti u li dak ta' Lulju kien wiehed

definit u spicca. Ir-rikorrent twaqqaf mit-tieni kuntratt, li kien wiehed indefinit, entro t-terminu ta' sitt xhur *probation*. Il-kuntratt ta' 3 xhur li r-rikorrent jghid li nghata wara dik it-terminazzjoni kien mal-*Board of Management* ta' Dar il-Mediterran, entita' separata u distinta u ghalhekk il-Bord intimat mhuwhiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward;

iii. **Fis-27 ta' Jannar 2016** it-Tribunal ta s-sentenza li fiha ntqal hekk –

*"• **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-kaz li nfetah kontra t-Teatru Manoel, dan it-Tribunal analizza bir-reqqa dovuta mhux biss id-dokumentazzjoni li giet ipprezentata izda ukoll ix-xhieda ta' l-istess Appellant. Dan ghamlu fl-inkwadratura tal-legislazzjoni li tirrelata ma' dan il-kaz u cjoe **Art.34(2) Kap 452, Art.2 Legislazzjoni Sussidjarja 452.99, u Art 10(2) Avv.Leg. 44-2012** u wkoll fl-isfond li s-Socjeta' ntimata hija kkunsidrata li taghmel parti mis-Settur Pubbliku.*

*Mix-xhieda u minn dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Appellant johrog li l-ewwel impenn lavorattiv li huwa kellu mas-Socjeta' ntimata kien ta' 5 xhur u dan bejn Lulju u Novembru 2013. Ix-xhud stqarr li hu kien inghata **'direct order'** mis-Socjeta' ntimata, u dan meta kien jahdem ghal rasu. Dokumentazzjoni tal-ETC iffirmata mill-istess Appellant tindika li bejn il-25 ta' Gunju u l-15 ta' Novembru, 2013, huwa kien 'self employed'.*

*L-Appellant jistqarr li fl-1 ta' Jannar, 2014, huwa kien inghata mpjieg bhala 'stagehand and general hand' mas-Socjeta' ntmata. Liema mpjieg gie mitmum nhar it-30 ta' Gunju, 2014. Dokumentazzjoni tal-ETC iffirmata kemm mill-*

*Appellant u anke mill-Financial Controller ghan-nom tas-Socjeta' ntimata jikkonfermaw kemm dan limpjieg u anke d-durata tieghu.*

*Dokumentazzjoni ohra tal-ETC iffirmata mill-Appellant tindika li bejn 1 ta' Lulju, 2014, u t-30 ta' Settembru, 2014, l-Appellant rega' beda jahdem bhala 'self employed'. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-Appellant jistqarr li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-Socjeta' ntimata 'Effettivament jiena ghamilt tlett xhur nahdem gewwa l-MCC.....'.*

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-impjieg tal-Appellant minn mas-Socjeta' ntimata kien intemm nhar it-30 ta' Gunju, 2014.*

*Dan filwaqt li l-kaz kien gie pprezentat minnu nhar id-19 ta' Dicembru, 2014.*

*L-Art.75(3) tal-Kap 452 jghid li 'kull referta..... ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni ……u ghandha fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat'.*

• ***Decizjoni***

*Tenut kont tal-mod kif gew ipprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, jiddeciedi li t-talba tal-Appellant hija preskritta u sussegwentament il-kaz ghandu jieqaf hawn.*

*Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

iv. **Fit-8 ta' Frar 2016** ir-rikorrent appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghax fil-fehma tieghu it-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi meta kkonkluda li l-impjieg tieghu kien gie tterminat fit-30 ta' Gunju 2014. Skont Spagnol, l-impjieg tieghu intemm fit-30 ta' Settembru 2014 u ghalhekk il-proceduri quddiem it-Tribunal gew intavolati entro t-terminu tal-erba' xhur minn din id-data.

v. **Fit-22 ta' Frar 2016** il-Board appellat prezenta r-risposta tieghu permezz ta' liema oppona l-aggravju mressaq u sahaq li s-sentenza tat-Tribunal hija gusta u timmerita konferma;

vi. **Fit-22 ta' Marzu 2016** l-appellant prezenta rikors quddiem dik il-Qorti u filwaqt li ghamel referenza ghall-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet *General Workers Union vs l-Avukat Generali* deciza fit-18 ta' Gunju 2015 u a bazi taghha indika li hemm lok li l-kwistjoni hemm sollevata tigi riferuta lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali sabiex jigi determinat jekk il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kuntest tal-kaz odjern jivvjolawx l-artikolu 39 (2) u l-artikolu 6 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali rispettivament;

vii. **Fil-25 ta' Mejju 2016** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wara li qieset li t-talba tar-rikorrent ma kinitx frivola u vessatorja, laqghet din it-talba u rreferiet il-kwistjoni lil din il-Qorti, fil-vesti kostituzzjonali taghha, sabiex tiddetermina jekk sehhx ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant Raymond Spagnol.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proceduri odjerni, l-kjamat in kawza Avukat Generali ssolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari li fil-fehma tal-Qorti jimmeritaw kunsiderazzjoni qabel kull aspett iehor fil-mertu. Dawn jirrigwardaw:

1. Nuqqas ta' prova li r-rikorrent ghandu status ta' vittma; u

2. L-intempestivita' tal-azzjoni

1. <u>Status ta' vittma</u>

L-Avukat Generali jargumenta[7] li wiehed mill-presupposti processwali sabiex persuna tkun tista' tipprocedi b'azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali huwa dak li turi b'success li hija "vittma" ta' ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront taghha. Talba ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fl-astratt mhijiex ghalhekk permissibbli. Inoltre, l-istat tal-vittma jehtieg li jkun marbut mal-mertu u mal-fattispecje tal-kaz in ezami. Ghall-Avukat Generali, l-istess principji li jolqtu l-ammissibilita' ta' applikazzjonijiet imressqa quddiem l-organi gudizzjarji ta' Strasburgu huma applikabbli wkoll ghall-ammissibilita' ta' azzjonijiet kostituzzjonali quddiem il-Qrati lokali. Infatti, skont l-artikolu 4 (1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, azzjoni kostituzzjonali tista' tigi ntavolata minn persuna li tallega li xi wiehed mill-jeddijiet taghha jkun gie, ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur. Ghaldaqstant, skont l-Avukat Generali, l-azzjoni kostituzzjonali f'Malta, l-istess bhall-petizzjoni li ssir quddiem l-organi gudizzjarji ta' Strasburgu hija miftuha biss ghal persuna li direttament tkun qed tallega li garbet il-lezzjonijiet.

[7] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 26 et seq

L-Avukat Generali jsostni li Raymond Spagnol ma ressaq ebda prova biex juri kif huwa gie vittimizzat u xi pregudizzju garrab. Ma ntweriex kif ic-chairperson li quddiemu nstema' l-kaz in ezami b'xi mod illedielu d-dritt ghal smiegh xieraq. Kull ma qieghed jaghmel Spagnol huwa li jistrieh unikament fuq il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Frar 2016 (General Workers Union vs Avukat Generali), madankollu dak il-kaz johloq stat biss bejn il-partijiet f'dawk il-proceduri u ma jestendix erga omnes. Il-fatt li l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kaz odjern ma giex deciz favorevolment ghal Spagnol ma jfissirx li gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Il-Qorti tibda billi tissottolinea li din hija referenza kostituzzjonali u ghalhekk il-kwezit li tressaq quddiemha gie avvanzat mill-Qorti referenti u mhux mill-parti nfisha. Madankollu, l-Qorti tqis li tenut ic-cirkustanzi tal-kaz tal-lum, ma hemm ebda raguni il-ghala Raymond Spagnol m'ghandux jitqies bhala "vittma" ghal fini ta' dawn il-proceduri.

Fl-ewwel lok jigu senjalati s-segwenti principji legali in materja u li gew dettaljatament elenkati fir-rigward fil-kaz **Lawrence Grech et vs It-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) et deciz fil-15 t'April 2014**[8]-

*"Illi l-Qorti tagħraf li azzjoni taħt il-Kostituzzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali trid titħares mil-lenti tal-interess ġuridiku tal-parti li titlob ir-rimedju. Għall-kuntrarju ta' azzjoni popolari (dwar is-siwi ta' xi liġi) taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali titlob l-eżistenza ta' dak l-interess ġuridiku fil-persuna li tallega li ġarrbet ksur ta' jedd jew jeddijiet imħarsin fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Huwa l-istess interess ġuridiku li jsejjes u li jeħtieġ li jintwera f'kull*

[8] Rik Kost 78/13

*proċediment ieħor quddiem il-Qrati ta' kompetenza ċivili u jitlob l-istess kejl rigoruż li jintalab f'kull waqt ta' proċediment bħal dak sal-għoti tas-sentenza;*

*Illi min-naħa l-oħra, azzjoni li tissejjes fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali taħt il-Konvenzjoni tiġbed fuqha r-regoli maħsuba taħt il-Konvenzjoni nnifisha biex jistabilixxu min jista' jitqies bħala l-"vittma" li jistħoqqilha l-ħarsien u r-rimedju għal ksur bħal dak;*

*Illi aktar 'il fuq issemma l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Mil-Linji-Gwida maħruġa mill-Qorti fi Strasbourg dwar l-elementi meħtieġa biex persuna titqies tajba biex tressaq talba quddiem dik il-Qorti u biex ilment tagħha jista' jinstema' minnha, joħroġ li "22. Under Article 34, only applicants who consider themselves victims of a breach of the Convention can complain to the Court. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (Scordino v. Italy (no. 1) [GC], § 179);*

*"23. The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, § 35). It does not imply the existence of prejudice (Brumărescu v. Romania [GC], § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (Monnat v. Switzerland, § 33);*

*"24. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, § 38; Monnat v. Switzerland, §§ 30-33; Stukus and Others v. Poland, §35; and Ziętal v.*

*Poland*, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (Siliadin v. France, § 63);*

*"25. The act or omission in issue must directly affect the applicant (Amuur v. France, § 36). However, this criterion cannot be applied in a mechanical and inflexible way (Karner v. Austria, § 25). "26. On a case-by-case basis the Court has accepted applications from "potential" victims, that is, from persons who could not complain of a direct violation;*

*[…]*

*Illi, f'kull każ, huwa stabilit ukoll li "36. The applicant must be able to justify his or her status as a victim throughout the proceedings (Burdov v. Russia, §30)G. 42. A case may be struck out of the list because the applicant ceases to have victim status/locus standi…". Dan il-prinċipju juri l-ħtieġa f'kull waqt tal-kawża tal-element tal-attwalita' tal-interess ġuridiku fil-parti li tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali. Ċirkostanza bħal din tqum fejn il-vittma (tista') tingħata rimedju xieraq fi proċeduri quddiem il-Qrati domestiċi;*

*Illi l-Qorti ta' Strasbourg reġgħet tenniet dawn il-prinċipji f'waħda mill-aħħar sentenzi li hija tat fejn tqajmet il-kwestjoni tal-eżistenza tal-istat ta' "vittma" fid-dawl ta' t-teħid mill-parti ta' proċeduri quddiem il-qrati domestiċi dwar l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Dik il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar din il-ħaġa: "As to the applicant's victim status, the Chamber was of the view that this preliminary objection had to be joined to the merits of the complaint under Article 13 of the Convention. The Grand Chamber considers that it must examine this issue as a preliminary objection. However, even assuming that a damages award in her favour could take away the applicant's victim status as the Government argued based on Caraher v. the United Kingdom (and related*

*jurisprudence), the Grand Chamber considers that she can still claim to be a victim of a violation of the Convention as regards her complaints about the State's failure to protect her or to provide her with an effective remedy in that respect. The Court recalls that a decision or measure favourable to the applicant is not, in principle, sufficient to deprive him of his status as a "victim" for the purposes of Article 34 of the Convention unless the national authorities have acknowledged, either expressly or in substance, and then afforded redress for the breach of the Convention (for example, Dalban v. Romania [GC], no. 28114/95, § 44, ECHR 1999-VI). Where rights of such fundamental importance as those protected under Article 3 are at stake and where an alleged failure by the authorities to protect persons from the acts of others is concerned, Article 13 requires that there should be available to victims a mechanism for establishing any liability of State officials or bodies for acts or omissions involving the breach of their rights under the Convention and, furthermore, that compensation for the non-pecuniary damage flowing from the breach should in principle be part of the range of available remedies (Z and Others v. the United Kingdom, cited above, § 109). An applicant's victim status may also depend on the level of compensation awarded at domestic level, having regard to the facts about which the applicant complains before the Court (see, inter alia, Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 115 and 118, ECHR 2010)" 12;."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li minn ebda ottika ma tregi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Avolja f'dawn il-proceduri ta' referenza Raymond Spagnol mhuwhiex hu li qieghed iressaq il-lanjanza direttament quddiem din il-Qorti, huwa xorta ghandu jitqies bhala "vittma" in kwantu l-allegazzjonijiet tieghu quddiem il-Qorti referenti jolqtu proprju l-pregudizzju allegatament soffert minnu minhabba l-

kompozizzjoni nfisha tat-Tribunal li ddecieda l-kaz tieghu. Mela l-ilment tieghu mhuwhiex sempliciment wiehed vag izda personali u li jaffetwah direttament.

Kellu kull dritt ghalhekk Raymond Spagnol iressaq it-talba tieghu quddiem il-Qorti referenti sabiex il-lanjanza ta’ allegat ksur ta’ drittijiet fundamentali fil-konfront tieghu tigi ezaminata mill-Qorti kompetenti.

L-eccezzjoni tal-Avukat Generali hija ghalhekk michuda.

<u>Intempestivita’ tal-azzjoni</u>

Skont l-Avukat Generali[9], sabiex tkun tista’ tigi evalwata allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq huwa necessarju li ssir evalwazzjoni tal-process fl-intier tieghu. Dan il-principju japplika kemm jekk l-azzjoni tkun inbdiet b’rikors jew permezz ta’ referenza minn Qorti ohra. La darba dawn il-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) evalwazzjoni tal-garanziji Kostituzzjonali u Konvenzjonali fil-kuntest tal-kaz odjern hija prematura peress li din tista’ ssir biss meta l-process ikun mitmum sabiex tkopri l-process fl-intier tieghu. Biex isahhah it-tezi tieghu, l-Avukat Generali jirreferi ghall-insenjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (aktar ’il quddiem imsejha “QEDB”) fl-ismijiet *Joseph Muscat v Malta* (app Nru 69119/10 deciza fis-6 ta’ Settembru 2011). A bazi tat-taghlim tal-gurisprudenza Ewropea huwa kmieni wisq li jsir ezami a bazi ta’ allegazzjoni ta’ ksur ta’ dritt ghal smiegh xieraq peress li l-parti li skattat il-process li wassal ghar-referenza ghadha m’ezawrietx b’mod definittiv ir-rimedji u l-mezzi ta’ harsien kollha li jaghtiha l-process ordinarju skont il-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tqis il-process kollu gialadarba tali process ghadu ma ntemmx. L-Avukat Generali izid li fic-cirkustanzi, l-ewwel ghandu jigi

[9] Ara Nota ta’ Sottomissjonijiet a fol 3 et seq

konkluz il-process pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u mbaghad, jekk ikun il-kaz, il-parti li pprovokat ir-referenza tkun tista' tissokta bil-procedura kostituzzjonali.

Raymond Spagnol minn naha tieghu jirribatti li in kwantu din hija lanjanza ta' ksur oggettiv ta' drittijiet fundamentali, tista' tigi mqajma f'kull stadju u m'huwhiex necessarju li wiehed joqghod jistenna l-finalita' tal-proceduri.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz fejn tressqu l-istess lanzjanzi bhal dawk odjerni u fl-ismijiet **General Workers Union vs Avukat Generali** deciz fit-12 ta' Frar 2016[10], diga' ghamlet pronunzjament car dwar dan il-punt -

*"Waqt illi taħt il-Konvenzjoni l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma għandhiex is-setgħa illi tqis allegazzjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali qabel ma min iressaq l-ilment ikun inqeda bir-rimedji domestiċi kollha, taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "tista', jekk tqis li jkun desderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ... f'kull każ meta tkun sodifatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli ... skont xi liġi oħra". Huwa għalhekk imħolli fid-diskrezzjoni tal-Prim'Awla – dejjem fil-parametri stabbiliti fil-ġurisprudenza – li tagħżel "li teżerċita s-setgħat tagħha" wkoll meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju, u meta l-Prim'Awla tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali bħala regola ma tiddisturbax dik l-għażla ħlief meta tkun manifestament ħażina jew meta hekk ikun meħtieġ biex ilproċeduri kostituzzjonali ma jiġux trivalizzati.*

[10] Rik Nru 19/08

*Din il-Qorti tapprezza illi jkun ta' ostakolu għall-effiċjenza tal-ġustizzja u tal-amministrazzjoni pubblika jekk, malli titressaq kawża b'allegazzjoni li l-proċess quddiem tribunal jew korp imwaqqaf b'liġi huwa bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dak it-tribunal jew korp ma jkunx jista' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu qabel tinqata' dik il-kawża jekk il-Prim'Awla wisq faċilment tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha flok tistenna li jintemmu l-proċeduri quddiem dak it-tribunal jew korp biex tqis il-proċess fl-intier tiegħu. Madankollu, il-Qorti tifhem ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi l-aggravju dwar rimedju ordinarju ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment billi <u>d-difett allegat fl-istruttura tat-Tribunal jibqa' jipperdura jkun xi jkun l-eżitu tal-proċeduri quddiem it-Tribunal</u> u wkoll għax ma jkunx għaqli illi jitkompla proċess meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess huwa bi ksur ta' jeddijiet fondamentali. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.*

Din il-Qorti sejra tabbraccja *in toto* dawn il-konkluzjonijiet u taghmilhom taghha. Jigi sottolineat il-fatt li l-mertu tal-lanjanza li wasslet ghar-referenza kostituzzjonali odjerna jirrigwarda t-thaddim innifsu tal-operat tat-Tribunal Industrijali, u cioe' l-mod kif jigu mahtura c-*chairpersons* u s-*security of tenure* taghhom, liema mekkanizmu minnu nnifsu jimpingi fuq ir-rispett ghad-dritt ta' smiegh xieraq tal-partijiet. Huwa kontro-sens ghalhekk li din il-Qorti toqghod tistenna li jintemmu l-proceduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) biex imbaghad, jekk eventwalment ikun hemm ezitu favorevoli ghall-ilment kostituzzjonali, dan johloq l-anomalija billi jkun hemm decizjoni moghtija minn Tribunal li ma jirrispekjax id-drittijiet fundamentali tal-lanjant.

Il-Qorti zzid ukoll li tenut kont tal-fatt li quddiemha ghandha referenza kostituzzjonali, fejn allura l-proceduri fl-ismijiet premessi quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jinsabu wieqfa sakemm jigi deciz il-kwezit li gie

mressaq quddiem din il-Qorti, aktar u aktar din il-Qorti ghandha l-obbligu li twiegeb ghar-referenza in kwistjoni mill-aktar fis minghajr ma tistenna li jigu konkluzi l-proceduri quddiem l-appell inferjuri. Dan kollu gie ikkonfermat fil-kaz fl-ismijiet **Repubblika ta` Malta v Carmel Camilleri deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013**, f'liema kaz gie dibattut dan il-punt b'enfasi wkoll ghall-fatt li l-Qorti quddiemha kellha referenza kostituzzjonali. Kien inghad illi ma kienx necessarjament il-kaz illi l-Ewwel Qorti kellha tistenna sakemm jintemm il-process kriminali qabel ma tqis l-ilment dwar ksur tad-dritt ghal smigh xieraq sabiex dak id-dritt jigi "evalwat fir-rigward tat-totalità tal-procedura". Il-Qorti qalet hekk -

*"Tassew illi l-gurisprudenza generalment hija kif ighid l-Avukat Generali. Ukoll fil-kaz ta`* ***Imbrioscia v. l-Isvizzera*** *(Q.E.D.B. 24 ta` Novembru 1993, rikors 13972/88.4), li wkoll kien dwar id-dritt ghall-ghajnuna ta` avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropeja qalet illi kellha taghmel "a scrutiny of the proceedings as a whole". Dan huwa principju generali li japplika ghall-jedd ghal smigh xieraq……*

*Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-kaz ta`* ***Il-Pulizija v. Alvin Privitera*** *(Q. Kost. 11 ta` April 2011), jista` jigri illi episodju wiehed ikun determinanti ghall-ezitu tal-process kollu u ghalhekk ma jkunx il-kaz illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-kaz….*

*[……]*

*Din il-qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba din il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, u li wasslitha biex taghti decizjoni qabel ma jkun intemm il-process penali.*

*Barra minn hekk, dan il-kaz inbeda b`referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet is-smigh quddiemha sakemm ikollha t-twegiba ghal dik ir-referenza. Ma setghetx ghalhekk l-Ewwel Qorti ma twegibx ghar-referenza billi tistenna sakemm jinghalaq il-process kriminali.*

*Safejn irid illi l-qorti tqis it-"totalità tal-procedura" qabel ma twiegeb ghar-referenza, l-aggravju huwa ghalhekk michud."*

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li lanqas din l-eccezzjoni ma hi gustifikata.

Trattati dawn l-eccezzjonijiet tal-bidu, l-Qorti sejra tghaddi biex tiddelibera dwar il-mertu tar-Referenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti Referenti qeghda titlob direzzjoni minghand din il-Qorti fir-rigward ta' zewg aspetti partikolari li jirrigwardaw il-kompozizzjoni tat-Tribuna Industrijali, u cioe' dwar il-mod kif jinħatar *chairperson* tat-Tribunal kif ukoll dwar is-*security of tenure* tieghu. Li jrid jigi evalwat huwa jekk fir-rigward hemmx ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali u indipendenti skont l-artikolu 39(2) Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk -

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik*

*huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi hekk -

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita'tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Fil-kaz **Belilos v Switzerland** deciz mill-QEDB fid-29 t'April 1988[11], tribunal gie definit hekk -

*".....a 'tribunal' is characterized in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner. It must also satisfy a series of requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its' members terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6 (1) itself."*

[11] App. Nru 10328/83

Dwar id-dritt ta' persuna li jkollha l-kaz taghha mismugh minn tribunal indipendenti u mparzjali, l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* jghidu hekk[12]-

*"The right to a fair trial in Article 6 (1) requires that cases be heard by an 'independent and impartial tribunal established by law'....There is close inter-relation between the guarantees of an 'independent' and an 'impartial' tribunal. A tribunal that is not independent of the executive is likely to be in breach of the requirement of impartiality also in cases to which the executive is a party...For this reason, the European Court commonly considers the two requirements together, using the same reasoning to decide whether the tribunal is 'independent and impartial'. In respect of both requirements, there is a breach not only where there is proof of actual dependence or bias (subjective test), but also where the facts raise a 'legitimate doubt' that the requirement has been met (objective test)."*

Ghal dak li jirrigwarda **l-indipendenza ta' tribunal**, fil-kaz **Incal v Turkey** deciz fid-9 ta' Gunju 1988[13], l-QEDB qalet hekk -

*"The Court reiterates that in order to establish whether a tribunal* can be *considered "independent" for the purposes of Article 6 § 1, regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of safeguards against outside pressures and the question whether it presents an appearance of independence (see, among many other authorities, the* ***Findlay v. the United Kingdom*** *judgment of 25 February 1997, Reports 1997-I, p. 281, § 73)."*

Dwar dawn l-elementi appena msemmija, l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick ikomplu hekk[14] –

[12] Fol 284
[13] App Nru 41/1997/825/1031, para 65

*"As for as '**manner of appointment**' is concerned, appointment by the executive is permissible, indeed normal….For a judge's independence to be challenged successfully by reference to his 'manner of appointment' it would have to be shown that the practice of appointment 'as a whole is unsatisfactory'……*

*With regard to the '**duration of their term of office'**, a short term of office has been accepted as permissible as far as members of administrative or disciplinary tribunals are concerned. In Campbell v Fell, appointment for a term of three years as a member of a prison Board of Visitors acting as a disciplinary tribunal was sufficient, the Court being influenced by the fact that members were unpaid and that it might be hard to find candidates for any longer period. With regard to ordinary courts, appointment of judges may be for life or for a fixed term, but a renewable four-year term has been questioned.*

*As to '**guarantees against outside pressures'**, tribunal members must be protected from removal during their term of office, either by law or in practice. The appointment of a judge for a fixed term, so as to prevent dismissal at will, is a relevant factor, although apparently not in itself required.*

*[….]*

*Finally, the '**appearance of independence**' requirement listed by the Court in the Campbell and Fell case related to the objective test that has been developed by the Court in respect to the requirements of both independence and impartiality…*

*….a breach of the 'appearance of independence' requirement was found in Findlay v UK. There it was held that there were 'fundamental flaws' in the UK court-martial system because of the role of the convening military officer. This officer decided which charges should be brought and was otherwise closely linked with the prosecuting authorities. He also appointed the court martial*

[14] Fol 287 et seq

*members, who were below him in rank and in some cases under his command, and he could dissolve the court-martial. Finally, the convening officer had to confirm the court-martial decision for it to be valid and could vary the sentence. In these circumstances, an outside observer could legitimately doubt the court-martial's structural independence of the executive and its impartiality."*

Imbaghad fil-kaz **H.Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Generali et deciz fil-11 ta' Marzu 2010**[15], din il-Qorti diversament preseduta ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet b'referenza ghall-gurisprudenza li tirrigwarda l-element tal-indipendenza tal-Qrati u tribunali -

*Illi fir-rigward tal-element ta' l-indipendenza tat-Tribunal fil-kaz **Campbell and Fell v. United Kingdom** A80 (1984); 7 EHRR 165 paragraph 78, il-Qorti qalet illi trid taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha sabiex tezamina jekk Tribunal huwiex indipendenti jew le :*

*"In determining whether a body can be considered to be independent" - notably of the executive and of the parties to the case - the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence."*

*Illi l-Qorti ikkunsidrat illi huwa normali illi l-ezekuttiv jahtar il-membri tal-Bord jew tat-Tribunal hu stess, kif jigri f'hafna kazijiet meta jigu mahtura l-Imhallfin. Il-Qorti qalet ukoll illi sabiex jirnexxi kaz fejn jigi ippruvat illi Imhallef ma kienx indipendenti b'referenza ghall-mod kif gie appuntat, ikun irid jigi ippruvat illi l-mod ta' kif jigu appuntati l-Imhallfin "as a whole is unsatisfactory," jew inkella "at least the establishment of the particular Court deciding a case was influenced by improper motives." (Vide **Zand v. Austria** numru 7360/76, 15 DR 70 at 81 (1978).*

---

[15] Rik Kost Nru 31/08

*Illi fil-kaz illi issemma diga **Campbell and Fell v. United Kingdom**, il-Qorti qalet illi l-fatt illi membru tal-Prison Board of visitors, meta jkun qieghed jagixxi bhala Tribunal dixxiplinarju ghall-perjodu ta' tlett snin, kien sufficjenti. Il-Qorti f'dan il-kaz kienet influenzata mill-fatt illi l-membri ta' dan il-Board ma kienux imhallsa u li setgha kien difficli illi jsibu kandidati jekk il-perjodu ta' hatra jkun itwal minn tlett snin.*

*Il-Qorti qalet hekk : "In determining whether a body can be considered to be 'independent' notably of the executive the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence."*

*Illi fil-kaz fuq citat **Campbell and Fell v. United Kingdom** il-Qorti "did not require any formal recognition in law of the irremovability of a Prison Board of Visitors Member during his term of office. It was sufficient that this was recognised in fact and that the other necessary guarantees are present." A80, (1984) 7 EHRR 165 paragraph 80.*

*Illi l-Qorti tassigura ruhha wkoll illi l-membri tat-Tribunal ma jircievux istruzzjonijiet minghand l-ezekuttiv, kif ukoll il-fatt illi t-Tribunal jaghmel id-deliberazzjonijiet tieghu bis-segretezza. Finalment il-Qorti irriteniet ukoll illi irid ikun hemm dak li hi sejjhet "an appearance of independence requirement" u dan ir-rekwizit issemma fil-kaz **Campbell and Fell**, kemm fir-rigward tat-test oggettiv, kif ukoll fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalita' tal-Bord, jew Tribunal."*

Ghal dak li jirrigwarda **l-imparzjalita' ta' tribunal**, fil-kaz **Micallef v Malta deciz fil-15 t'Ottubru 2009**[16], il-QEDB qalet hekk -

[16] App Nru 17056/06

*"93. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see,inter alia,* ***Fey v. Austria****, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and* ***Wettstein v. Switzerland****, no. 33958/96 § 42, ECHR 2000-XII).*

*94. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example,* ***Kyprianou v. Cyprus*** *[GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see* Wettstein*, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see* ***De Cubber v. Belgium****, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*95. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut*

*the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see* Pullar v. the United Kingdom*, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see* Wettstein*, cited above, § 44, and* **Ferrantelli and Santangelo v. Italy***, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*97. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example,* **Miller and Others v. the United Kingdom***, nos. 45825/99, 45826/99* and *45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example,* Mežnarić v. Croatia*, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36,* and Wettstein*, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see* Kyprianou*, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see* Pullar*, cited above, § 38).*

*98. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De*

*Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

*99. Moreover, in order that the courts may inspire in the public the confidence which is indispensable, account must also be taken of questions of internal organisation (see* ***Piersack v. Belgium****, 1 October 1982, § 30 (d), Series A no. 53). The existence of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see Mežnarić, cited above, § 27). The Court will take such rules into account when making its own assessment as to whether a tribunal was impartial and, in particular, whether the applicant's fears can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis,* ***Pescador Valero v. Spain****, no. 62435/00, §§ 24-29, ECHR 2003-VII).*

Fl-isfond tal-principji gurisprjudenzjali suesposti, l-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-mertu tal-kaz tal-lum li huwa limitat **biss** ghall-kompozizzjoni nnifisha tat-Tribunal u cioe' l-aspett tal-hatra u l-aspett tas-*security of tenure* tac-chairperson. Minhabba f'hekk u ghal kull buon fini jinghad li fis-sottomissjonijiet taghhom l-Bord intimat u l-kjamat in kawza Avukat Generali ressqu xi argumenti li jolqtu aspetti ohra li gew trattati fiz-zewg kazijiet kostituzzjonali fl-ismijiet **General Workers Union vs Avukat Generali**

fosthom dwar il-hatra ta' membri ohra tat-Tribunal. Izda la dawn il-materji jaqghu lil hinn mill-ambitu ta' din ir-referenza, il-Qorti mhijiex sejra tindirizzahom.

Maghmula din l-osservazzjoni preliminari, jigi senjalat immedjatament li peress li l-appellant Raymond Spagnol irregistra t-tilwima tax-xoghol tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Dicembru 2014, huma applikabbli ghalih id-dispozizzjonijiet tal-ligi kif vigenti f'dik l-epoka, u cioe' qabel ma dahal fis-sehh l-Att Nru XXXIII tal-2016.

Fil-proceduri in ezami numru 3325, it-Tribunal kien kompost mic-*Chairperson* wahdu peress li dan huwa kaz ta' allegata tkeccija ngusta.

**L-Artikolu 73 (2) tal-Kap.452** kif vigenti fl-epoka kien jipprovdi hekk dwar il-metodu tal-hatra ta' *Chairperson* -

*(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar panel ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' chairpersons tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, hekk iżda li –*

*(a) Għall-inqas tlieta mill-membri hekk maħtura jkunu avukati b'esperjenza ta' għall-inqas seba' snin;*

*(b) Dawn il-persuni jigu mahtura ghal perjodu li ma jkunx aktar minn tliet snin mid-data tal-hatra taghhom u jistghu jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal perjodi ohra li kull wiehed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin;*

*(c) Dawn il-persuni jservu bhala chairpersons jew wara xulxin jew skond it-tqassim tad-dmirijiet u suggetti ghal dawk id-dispozizzjonijiet dwar rikuża u ċirkostanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru."*

**L-artikolu 73(6) tal-Kap. 452,** kif vigenti fl-epoka in ezami kien jghid hekk dwar il-mod ta' kif jitnehha *chairperson*:

*"(6) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' chairperson tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala chairperson sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom.*"

Ezaminati dawn l-artikoli l-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li l-mod ta' kif kien jinhatar u jitnehha *chairperson* ma jirrispekkjax il-garanziji ta' smiegh xieraq kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea.

Dan wara li l-Qorti qieset li:

1. Ghalkemm il-ligi tikkontempla l-konsultazzjoni tal-Prim Ministru mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali qabel ma jahtar xi *chairperson*, id-decizjoni finali tibqa' tal-Prim Ministru, li bhala Kap tal-Ezekuttiv, jista' jaqbel jew ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill imsemmi fil-kors tal-konsultazzjonijiet bejniethom. *Per se*, dan mhuwhiex meqjus leziv, tant li kif diga' nnutat il-Qorti fil-gurisprudenza minnha citata, huwa normali li l-ezekuttiv jahtar il-membri tal-Bord jew tat-Tribunal hu stess.

2. Dwar it-terminu tal-hatra, ghalkemm il-ligi tippermetti perjodu massimu ta' tliet snin, ma hemm xejn li jzomm lill-Prim Ministru milli jahtar *chairpersons*

ghal perjodi iqsar. Ghalkemm kif intwera fil-kaz *Campbell and Fell v UK*, perjodu ta' tliet snin huwa wiehed qasir, dan jista' jitqies sufficjenti sakemm ikunu jezistu garanziji ohra fil-ligi li jaghtu *security of tenure* lil min jokkupa dik il-kariga, garanziji li kif ser jigi muri mhumiex sodisfatti fil-kaz tal-lum.

3. Infatti, meta jigi meqjus is-suespost fil-kuntest tal-mod kif din il-kariga ta' *chairperson* tiggedded u kif tista' tigi mitmuma, ix-xenarju jinbidel. Huwa propju hemm li l-lezzjoni ta' dritt ghal smigh xieraq tamplifika ruhha.

4. Jirrizulta li ghalkemm it-tigdid ta' din il-kariga, u t-tnehhija ta' *chairperson* minnha, huma suggetti ghall-konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, huwa ghal darb'ohra l-Prim Ministru li jiehu d-decizjoni finali dwarhom. Id-dicitura tal-ligi, partikolarment dik tal-art. 73 (6) tal-Att tixhed bl-aktar mod car l-intenzjoni tal-legislatur li jakkorda l-mano libera lill-Prim Ministru li "kif jidhirlu xieraq" jista' jaghmel tibdil fil-lista tal-persuni li ghandhom iservu ta' *chairpersons*. Il-Prim Ministru m'ghandu bzonn il-kunsens ta' hadd biex jiehu tali decizjonijiet, la hu obbligat jaghti xi raguni ghal dawn id-decizjonijiet tieghu u lanqas huwa marbut bi kriterji jew obbligi ohra. Dan b'differenza tal-kriterji u obbligi li sussegwentement u gustament gew introdotti bl-emendi tal-Att XXXIII tal-2016.

5. Il-protezzjoni minima moghtija lic-*chairpersons* fis-subartikolu 6 tal-artikolu 73 tal-Att, u cioe' li hu jibqa' jservi fil-procedimenti li fihom ikun qed iservi sakemm jintemmu dawk il-procedimenti u ghall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza moghtija fihom, certament mhijiex sufficjenti biex teghleb in-nuqqasijiet fil-garanziji l-ohra mehtiega ghal fini ta' protezzjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali. Jigi nnutat ukoll li fir-rigward ta' kazijiet futuri, *chairperson* jista' jitnehha mmedjatament.

6. Inoltre, kif gie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali stess fil-kaz citat **General Workers Union vs Avukat Generali**[17]**,** liema osservazzjoni hija pjenament kondiviza minn din il-Qorti -

*"Għalhekk il-ħatra taċ-chairperson fih innifsu, u jekk dan jintemmx qabel it-terminu, jew jiġġeddidx, jiddependi mill-Prim Ministru. Iċ-chairperson huwa protett biss sakemm jintemmu l-proċedimenti li fihom ikun qed iservi. Anke jekk hu rikjest li għall-ħatra u għat-tneħħija tac-chairpersons il-Prim Ministru għandu jikkonsulta ruħu mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, finalment hija deċiżjoni tiegħu biss.*

*[….]*

*Mhux inverosimili għalhekk l-argument tal-union li allura l-Artikolu 73 jippermetti lill-Ministru (jew Prim Ministru skont il-każ), li jimplimenta passi "pseudo-dixxiplinarji" fuq iċ-chairperson……: passi li ma huma soġġetti għal ebda reviżjoni jew ċensura.*

*[….]*

*Meqjusa dawn il-fatturi kollha, l-Qorti tirrileva li l-fatt li ġudikant ikun maħtur mill-Gvern fih innifsu ma jfissirx li meta jkun qed jikkunsidra kwistjonijiet li jinvolvu l-Gvern dan se jagħti lok għal nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza. Il-fatt waħdu li t-Tribunal Industrijali huwa magħmul minn persuni maħtura mill-Gvern ma jfissirx li awtomatikament ser jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq meta individwu ikun ivolut f'każ kontra l-Gvern, pero` dan dejjem sakemm jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalita` u indipendenza tat-Tribunal*[18]*. Din il-Qorti hija tal-fehma li meta wieħed iqis fatturi bħall-mod kif*

[17] Nru 19/08

[18] Ara: **Clarke v. United Kingdom** (ECHR. 25.08.2005) *"…the question is whether the district and circuit judges who determined the action at first and second instance (District Judge Daniel and Judge Rutherford respectively) were "independent and impartial", given that the action was against the Lord Chancellor's Department, and they had both been appointed by the Lord Chancellor. The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and*

*iċ-chairpersons …… jistgħu jitneħħew tant faċilment mill-Ministru jew Prim Ministru (skont il-każ)…… l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-Tribunal Industrijali mhux talli ma jidhirx li qegħdin jiġu garantiti, talli invece qegħdin jitpoġġew fid-dubju u għalhekk qed jinkiser* id-dritt *għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem."*

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tistax tirriskontra l-indipendenza u l-imparzjalita' tat-Tribunal Industrijali kif mehtiega mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzoni Ewropea sabiex ikun garantit id-dritt ta' smiegh xieraq peress li l-ligi, kif vigenti f'dik l-epoka, tikkontempla ndhil kontinwu tal-ezekuttiv fil-hatra u s-*security of tenure* tac-chairperson. Anzi, il-kompozizzjoni ta' dan it-Tribunal hija ffurmata minn *chairpersons* li bil-ligi stess huma subordinati ghall-*unfettered discretion* tal-Prim Ministru. Dan kollu bi pregudizzju serju ghall-persuni kollha li jadixxu quddiem dan l-istess Tribunal b'ilmenti kontra l-*employers* taghhom bhal fil-kaz odjern ta' Raymond Spagnol. Dan il-pregudizzju huwa ulterjorment amplifikat fil-kaz tal-lum tenut kont tal-fatt li l-ilment tat-tkeccija ngusta imressaq mill-appellant huwa kontra l-*Board of Management* tat-Teatru Manwel, liema Board huwa mahtur mill-Gvern ukoll.

Ghaldaqstant u fic-cirkustanzi tal-kaz, hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u 39 (2) tal-Kostituzzjoni.

Isegwi li l-eccezzjonijiet u l-argumenti tal-Board intimat u tal-kjamat in kawza Avukat Generali ma jregux.

In fine, u b'referenza ghal xi argumenti ohra mressqa mill-kjamat in kawza Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu[19], il-Qorti tqis li l-fatt li Raymond

---

*the question whether the body presents an appearance of independence. What is at stake is the confidence which such tribunals must inspire in the public. As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect."*

[19] Fol 33

Spagnol ma kienx talab ir-rikuza tac-*chairperson* li sema' l-kaz tieghu u lanqas kien issolleva l-kwistjoni tan-nuqqas ta' ndipendenza u mparzjalita' tat-Tribunal fil-mori tal-proceduri quddiemu m'ghandha ebda portata ghall-konkluzjonijiet tal-Qorti fir-referenza tal-lum. L-istess jinghad ghall-fatt li l-parti li pprovokat ir-referenza qajmet il-kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fi stadju meta l-proceduri kienu waslu fi stadju t'appell u zmien wara li kienet diga' nghatat is-sentenza fil-kaz *General Workers Union vs Avukat Generali*. Il-Qorti tfakkar li ma hemm ebda preskrizzjoni ghal azzjonijiet ta' din in-natura u *se mai* kwalunkwe "dewmien" li jista' jkun hemm fit-tehid ta' azzjoni da parti tal-persuna allegatament leza jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghal fini biss ta' rimedju moghti, jekk ikun il-kaz. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument imressaq mill-Avukat Generali li ghax il-kwistjoni giet deciza mit-Tribunal purament fuq kwistjoni ta' terminu ta' dekadenza, li hu materja ta' ordni pubbliku, ma hemm ebda element ta' suggettivita' mholli f'idejn ic-*chairperson*. Il-Qorti anzi tirrileva li l-mertu tal-appell ta' Raymond Spagnol huwa proprju li l-kaz tieghu quddiem it-Tribunal kien gie ntavolat entro t-terminu stabbilit mill-ligi, b'dana li ghalhekk, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-appell tieghu, il-kaz jerga' jintbaghat quddiem it-Tribunal sabiex jinstema' fil-mertu. B'hekk il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kuntest ta' smiegh xieraq vis-à-vis l-kompozizzjoni tat-Tribunal huma ta' rilevanza ghal Raymond Spagnol.

Ghal dak li hu rimedju, l-Qorti tqis li in kwantu din hija referenza kostituzzjonali, hija ghandha toqghod mat-termini tar-referenza mibghuta lilha. Dak li talbet il-Qorti Referenti fil-kaz tal-lum huwa biss decizjoni dwar jekk hemmx ksur ta' drittijiet fundamentali. Hija l-fehma ferma tal-Qorti ghalhekk li ghandha tkun l-istess Qorti Referenti li tirregola ruhha u tipprovdi rimedju effettiv hi a bazi tas-sentenza tal-lum.

Kif inghad fil-kaz fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew John Migneco deciz fil-15 ta' Novembru 2011**[20] -

*"Illi kif ingħad aktar qabel, meta l-Qorti ssirilha riferenza minn Qorti Riferenti, hija għandha toqgħod għat-termini ta' riferenza bħal dik. F'dan il-każ, l-ilment ma tqajjimx mill-parti bis-saħħa tal-proċedura mibdija b'Rikors taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, meta l-Qorti Riferenti ifformulat ir-riferenza tagħha, talbet biss li din il-Qorti tgħid jekk issibx li seħħ xi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Biex din il-Qorti tqis sewwa din il-kwestjoni, tirreferi għar-regolament 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti u l-Bon-Ordni li jgħid kif imissha ssir riferenza u x'għandha jkun fiha biex il-Qorti li lilha ssir tkun tista' "tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwestjoni mibgħuta quddiemha";*

*Illi l-kwestjoni dwar x'għamla ta' rimedju tista' tagħti qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ladarba tkun sabet li seħħ ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsa millKostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni ilha titqajjem quddiem il-Qrati tagħna. Bosta drabi din il-kwestjoni tqum dwar jekk ir-rimedju mistenni mill-parti mġarrba jkunx wieħed li jġib miegħu twettiq ta' setgħa, rimedju jew diskrezzjoni li l-liġi tqiegħed f'idejn Qorti partikolari. F'ċirkostanzi fejn il-ksur instab li kien wieħed li ma kienx rimedjabbli b'xi proċedura oħra, l-Qrati fehmu li r-rimedju jingħata mill-istess Qorti li tkun sabet li seħħ ksur tal-jedd fundamentali, ukoll jekk dak ir-rimedju normalment jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti oħra;*

[20] Rik Kost 42/11

*Illi, madankollu, kif ingħad, "ir-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament. Barra minn hekk, il-qrati għandhom ukoll id-dmir li jinterpretaw u japplikaw il-liġi ordinarja b'mod konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, u jkun biss meta interpretazzjoni bħal dik tkun assolutament u manifestament contra legem, u għalhekk ma tkunx possibbli, li tkun tista' tgħid illi applikazzjoni tal-liġi ordinarja twassal inevitabilment għal ksur tal-jeddijiet fondamentali." Fil-fehma tal-Qorti, dan jingħad b'aktar qawwa f'każ ta' riferenza minn Qorti oħra meta l-proċedura "ordinarja" tkun għadha tabilfors għaddejja u fejn dik il-Qorti Riferenti jkollha l-gwida tas-sentenza tal-qorti li tkun stħarrġet il-"kwestjoni" kostituzzjonali biex tagħraf timxi fuqha skond is-setgħat speċifiċi tagħha mogħtijin lilha mil-liġi;"*

Fuq skorta tas-suesposti konsiderazzjonijiet, pjenament kondivizi minn din il-Qorti, filwaqt li sejra twiegeb lill-Qorti Riferenti ghall-kwezit imressaq minnha, tqis li l-istess Qorti Referenti ghandha tkun hi li taghraf timxi skont it-twegiba li ser tinghatalha permezz ta' din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeda taqta' u tiddeciedi billi:**

**1. Twiegeb ghall-kwistjoni riferuta lilha mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bid-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 2016 billi ssib li l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta) jikser id-dritt ghal smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqis:- (i). Il-mod kif jinħatar chairperson tat-Tribunal; u (ii). Security of tenure ta'** ***chairperson*** **tat-Tribunal;**

**2. Ghandha tkun il-Qorti Riferenti li tizen dawn ic-cirkostanzi hi u tevalwa l-appell li ghandha quddiemha minn Raymond Spagnol ghal fini ta' rimedju;**

**3. Għalhekk tordna lir-Registratur sabiex jirrimanda l-atti tal-appell inferjuri lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' taqta' u tiddeciedi l-kaz skont dak li gie deciz fis-sentenza tal-lum.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Deputat Registratur**